**8 Marzu 2007**

**Diskors ta’ l-Agent Prim Ministru u Ministru tal-Gustizzja u l-Intern Tonio Borg waqt Konferenza organizzata mill-Moviment Nisa tal-Partit Nazzjonalista fl-okkazjoni ta’ Jum il-Mara.**

Hemm min jistaqsi ghaliex jigi celebrat ‘Jum il-Mara’? Ghaliex ghandu jkun hemm jum specjali? Is-sena 1975 kienet is-Sena Internazzjonali tal-Mara u sentejn wara l-Assembea Generali tan-Nazzjonijiet Uniti iddecidiet li taddotta rizoluzzjoni biex jigi iccelebrat Jum il-Mara nhar it-8 ta’ Marzu. Kien hemm zewg ragunijiet principali : l-ewwel biex jigi rikonoxxut il-fatt li biex jigu zgurati l-progress socjali, il-paci u d-drittijiet fundamentali umani ried ikun hemm il-partecipazzjoni attiva tan-nisa u t-tieni biex tigi rikonoxxuta l-kontribuzzjoni tan-nisa fit-tishih tal-paci u sigurta internazzjonali.

Jum il-Mara, tislima simbolika li tigi iccelebrata illum, ghall-Gvern ifisser rikonoxximent ghan-nisa Maltin u Ghawdxin li b’xi mod jew iehor issiehbu fit-tkabbir u t-tishih tal-hajja ekonomika u socjali tal-pajjiz. Sehem il-mara fit-tkabbir tal-gid f’pajjizna ma jfissirx biss il-kontribut finanzjarju u produttiv minn dawk in-nisa li jahdmu imma jidher iktar fil-kontribut li taghti l-mara Maltija biex tinzamm soda il-familja u jisahhu l-valuri tas-solidarjeta u l-ghaqda li jikkarettizawna bhala poplu, kontribut fil-kommunita bhala omm, carer jew edukatrici. Ma nistax ma nsemmiex l-ghadd ta’ nisa li volontarjment jaghtu kontribut fil-kommunita fejn jghixu, bhal kunsilliera lokali, u dawk li jaghmlu xoghol ma’ l-anzjani, persuni b’dizabilita u tfal. Ta’ dan kollu il-Gvern huwa rikonoxxenti.

Tul iz-zmien il-mara Maltija ghamlet ghadd ta’ kisbiet importanti, mhux necessarjament mertu taghna l-politici, imma tal-mara stess. Ir-rwol tal-Gvern huwa li jiffacilita u jnehhi dak li jista jxekkel il-mixja tal-mara l-quddiem fis-socjeta. Dan ma jfissirx li l-Gvern ma jappoggax u jipprotegi lil dawk in-nisa li jkunu ghaddejjin minn trawmi minhabba li jkunu

vittma ta’ abbuz jew vjolenza. F’dan ir-rigward il-Gvern diga ha passi konkreti. Hekk nista nsemmi li kien Gvern Nazzjonalista li ressaq fil-Parlament il-Ligi kontra l-Vjolenza li issa ilha fis-sehh ghal iktar minn sena. Haga li taqbel sew mat-tema maghzula ghal din is-sena minn-Nazzjonijiet Uniti ghal Jum il-Mara ‘Intemmu l-inpunita ghal vjolenza fuq in-nisa u t-tfal’

Izda tajjeb ukoll ninnutaw il-progress li ghamlet il-mara Maltija fil-qasam tax-xoghol u l-qasam ta’ l-edukazzjoni. Hekk per ezempju illum fl-Universita insibu iktar studenti femminili milli maskili. L-ammont ta’ studenti universitarji nisa jimpressjonak, iktar u iktar meta tqis li fi zmienijiet ohra l-ammont totali ta’ studenti fl-Universita kien bejn wiehed u iehor 800. Skond statistika li harget proprju din il-gimgha insibu li 13 fil-mija tan-nisa Maltin bejn il-25 u 59 sena huma gradwati, meta l-persentagg ta’ l-irgiel huwa ta’ 12.1 fil-mija.

Mhux biss fil-qasam edukattiv, imma anki fil-qasam tax-xoghol il-Gvern wera bil-fatti kemm japprezza ir-rwol importanti tal-mara fil-qasam tax-xoghol.

Jekk wiehed ihares lejn il-Budget ta’ din i-sena, wiehed jinnota bosta mizuri intizi biex jiffacilitaw ir-rwol tal-mara li ghazlet li tidhol fil-kamp tax-xoghol. Fost l-incentivi sostanzjali insibu li hemm :

- Tnaqqis fil-kontribuzjoni tal-bolla jekk tahdem *part-time*
- Incentivi qawwija ghall-kura tat-tfal (*childcare)* lill-mara li issa ma baqax jitqies bhala fringe benefit u lil min ihaddem li issa jista jnaqqas is-servizz ghall-fini tax-taxxa tieghu
- Ebda hlas ta’ l-Income Tax fl-ewwel sena li mara terga tohrog tahdem li jfisser li mara tiffranka Lm700
- Ghajnuna lis-self employed li issa ser ikun jista jqis lill-mara tieghu bhala impjegata u b’hekk jiffranka t-taxxa
- Tnaqqis fl-Income tax ghall-mara jekk tahdem
- Tnaqqis fl-Income Tax ghar-ragel taghha

- Iktar tnaqqis fit-taxxa ghal dawk il-koppji li jibghatu t-tfal fi skejjel privati
- Romol li jergghu jizzewgu ser jibqghu jiehdu l-pensjoni sa hames snin wara t-tieni zwieg.

U dan barra nefqiet qawwija fis-setturi ta' l-edukazzjoni u tas-sahha, meqjusa bhala prijoritajiet mill-Gvern Nazzjonalista..

Dan kollu huwa xhieda, jekk qatt kien hemm bzonnha li l-Partit Nazzjonalista huwa l-Partit tan-Nisa. Il-Membri Parlamentari nisa eletti f'isem il-Partit Nazzjonalista ghandhom rwol ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari. Il-Gvern jemmen fil-kapacitajiet u fl-integrita tan-nisa Maltin tant li dan l-ahhar, ghall-ewwel darba, inhatru imhallfin nisa.

Naghlaq billi minn qalbi naghtikom l-awguri tieghi u tal-Gvern f'dan il-jum specjali. Perswaz li in-nisa jistghu jaghtu kontribut kbir lejn is-socjeta Maltija biex dejjem jigi zgurat titjib fil-kwalita tal-hajja taghna lkoll.